# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' Ottubru 2021**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 739/16 JVC**

**Janice Baldacchino**

**vs**

**Mary Grace Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Janice Baldacchino ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' kuntratt ricevut min-Nutar Pubbliku Mario Bugeja fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), l-attrici xtrat u akkwistat minghand il-kumpannija Hambletonian Horse Equipment Limited, li bieghet u

ttrasferiet lill-attrici, il-fond ufficjalment immarkat bin-numru tnejn u tletin (32) fi Sqaq Barcellona, Zurrieq.

2. Illi dan il-fond kien rekwizizzjonat mill-Awtorita′ tad-Djar in virtu` ta′ l-ordni ta′ rekwizizzjoni bin-numru tmint elef mija hamsa u tletin (R08135) u allokat lill-konvenuta.

3. Illi l-attrici qatt ma rrikonoxxiet lill-konvenuta, u qatt ma giet imgieghla mill-Awtorita` tad-Djar tirrikonoxxi lill-konvenuta.

4. Illi l-fond fuq imsemmi gie derekwizizzjonat mill-Awtorita` tad-Djar matul is-sena elfejn u hdax (2011).

5. Illi per konsegwenza l-konvenuta m′ghadx ghandha titolu validu fil-ligi biex tokkupa l-proprjeta` ta′ l-attrici.

6. Illi l-konvenuta qed tippretendi li ghandha titolu biex tokkupa din il-proprjeta′, u ghalhekk qed issir din il-kawza.

7. Illi l-attrici Janice Baldacchino tiddikjara li taf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant l-attrici umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuta m′ghandha ebda titolu validu fil-ligi biex tokkupa l-fond ufficjalment immarkat bin-numru tnejn u tletin (32) fi Sqaq Barcellona, Zurrieq, bil-pertinenzi u bl-accessorji kollha tieghu;

2. Tordna lill-konvenuta sabiex tizgombra mill-fond ufficjalment immarkat bin-numru tnejn u tletin (32) fi Sqaq

Barcellona, Zurrieq, u mill-pertinenzi u accessorji kollha tieghu, entro terminu qasir u perentorju minnha prefiss.

u dan previa kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra opportuna.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mary Grace Ellul li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti "ratione materiae" li tiehu konjizzjoni ta' dina l-kawza u dana peress illi l-eccipjenti kienet u ghadha tokkupa l-fond 32 fi Sqaq Barcellona, Zurrieq, b'titolu ta' kera wara li l-fond "de quo" kien gie allokat lilha mill-Awtorita' tad-Djar fis-27 ta' Awissu 2003 in forza ta' Requisition Order numru 8135, u allura gia' qabel ma' l-attrici akkwistatu permezz ta' kuntratt ta' l-1 ta' Settembru 2004, in atti Nutar Dottor Mario Bugeja;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dana peress illi l-eccipjenti kellha u ghad ghandha titolu validu fil-ligi biex tokkupa l-imsemmi fond.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.'.

Rat l-affidavits, xiehda, cedola ta' depositu, protest, ftehim, ittri, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi nhar il-31 ta' Ottubru, 2017 inghatat sentenza in parte fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari fuq l-inkompetenza '*rationae materiae*' tal-Qorti giet michuda;

Rat illi fil-verbal datat 13 ta' Mejju, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

<u>**Fatti fil-qosor:**</u>

1. Illi r-rikorrenti Janice Baldacchino hija l-proprjetarja tal-fond ufficjalment immarkat bin-numru tnejn u tletin (32) fi Sqaq Barcellona, Zurrieq liema fond kienet xtratu permezz ta' kuntratt ta' kompravendita datat l-1 ta' Settembru, 2004 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (ara kuntratt a fol. 4 u fol. 5 tal-process).

Jirrizulta li meta r-rikorrenti xtrat il-fond imsemmi dan kien gja rekwizizzjonat mill-Awtorita' tad-Djar u tnizzlet referenza fil-kuntratt kif isegwi:

> 'Il-post hu rekwizizjonat u qed jinbiegh kif rah u accettah il-kompratur.'

2. Illi r-rekwizizzjoni mill-Awtorita' tad-Djar in virtu ta' ordni ta' rekwizizzjoni bin-numru tmint elef mija hamsa u tletin

(RO8135) kienet inharget nhar it-8 ta' Marzu, 1988 u l-fond inghata lil certu Francis Abdilla (ara l-ordni ta' rekwizizzjoni a fol. 34 u l-ftehim li kien sar ma' Francis Abdilla a fol. 35 *et seq* tal-process).

3. Jirrizulta li Francis Abdilla kien sussegwentment irritorna c-cwievet lid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali u kienet intbghatet ittra datata 25 ta' Marzu, 2003 lil certa Francesca Tonna ta' 55, Triq Barth, Zurrieq sabiex tigi nfurmata dwar dan u sabiex tinforma lid-Dipartiment fi zmien 10 ijiem tax-xoghol li trid tmur tghix jew hi jew xi hadd minn uliedha fl-imsemmi fond (ara ittra a fol. 37 tal-process).

4. Illi jirrizulta li l-imsemmija Francesca Tonna ma baghtet l-ebda risposta fuq l-ittra msemmija u ghalhekk id-Dipartiment kien rega' ghadda sabiex jalloka l-fond (ara x-xiehda ta' Mario Magro – rapprezentant tal-Awtorita' tad-Djar a fol. 41 *et seq* tal-process).

Il-fond gie allokat mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali lill-intimata Mary Grace Ellul permezz ta' ftehim datat 27 ta' Awwissu, 2003 u fuq il-ftehim kien gie ndikat li s-sid kien 'unknown' (ara ftehim a fol. 38 tal-process).

5. Fis-sena 2009 kienet harget 'InterOffice Memo' li kienet titratta l-introduzzjoni ta' 'means test' fuq l-inkwilini kollha li kienu jirrisjedu gewwa fondi privati li kienu taht ordni ta' rekwizizzjoni (ara InterOffice memo a fol. 139 tal-process).

L-intimata Mary Grace Ellul kienet giet infurmata li ser isir l-'means test' fuqha sabiex jigu ezaminati l-mezzi taghha permezz ta' ittra datata 12 ta' Mejju, 2009 a fol. 118 tal-process. In segwitu ghal tali 'means test' irrizulta lid-Dipartiment li l-intimata Mary Grace Ellul kienet akkwistat fond konsistenti fl-appartament bin-numru 2, fit-tieni sular fi blokk ta' appartamenti bin-numru sitta u

sebghin (76) fi Triq Gunlayer, Floriana (ara ricerki tal-intimata a fol. 145 *et seq* tal-process).

6. Illi stante li mir-ricerki kien irrizulta li l-intimata Mary Grace Ellul kienet xtrat u akkwistat il-fond imsemmi, l-Awtorita' tad-Djar nhar id-9 ta' Gunju, 2011 kienet harget ordni ta' derekwizizzjoni. Din l-ordni ta' derekwizizzjoni kienet giet ikkomunikata kemm lir-rikorrenti Janice Baldacchino a fol. 40 tal-process, kif ukoll lill-intimata Mary Grace Ellul a fol. 39 tal-process.

Mill-atti ma jirrizultax li l-intimata Mary Grace Ellul kienet ikkontestat l-ordni ta' derekwizizzjoni. Fil-mori tal-kawza odjerna, mill-provi rrizulta li fil-fatt il-kuntratt ta' xiri tal-fond fil-Furjana kien gie rexiss u ghalhekk ma kienx minnu li l-intimat Mary Grace Ellul kellha fond iehor fejn tirrisjedi. Din il-parti tar-ricerki jirrizulta li ma ngibitx a konjizzjoni tal-persuna li mexxiet id-derekwizizzjoni.

7. In segwitu ghall-ordni ta' derekwizizzjoni l-intimata Mary Grace Ellul bdiet tiddeposita l-flus rapprezentanti l-kera dovuta taht l-awtorita' tal-Qorti (ara cedola ta' depositu a fol. 25 tal-process).

8. Ir-rikorrenti nhar it-23 ta' Ottubru, 2015 ipprosegwiet billi ntavolat protest gudizzjarju fejn poggiet lill-intimata Mary Grace Ellul, kif ukoll l-Awtorita' tad-Djar in dolo, culpa u mora sabiex jirrimedjaw ghall-ksur tad-drittijiet taghha billi jersqu ghal-likwidazzjoni u l-iffissar ta' kumpens adegwat (ara protest a fol. 27 *et seq* tal-process).

Sussegwentement nhar is-26 ta' Awwissu, 2016 ir-rikorrenti ntavolat il-kawza odjerna fejn in sintesi qed titlob l-izgumbrament tal-intimata Mary Grace Ellul mill-fond tnejn u tletin (32) fi Sqaq Barcellona, Zurrieq stante li ssostni li qed tokkupa l-fond minghajr titolu validu fil-ligi.

L-intimata Mary Grace Ellul laqghet ghal din il-kawza fuq zewg binarji, wahda billi eccepiet in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti *ratione materiae* liema eccezzjoni giet michuda permezz ta' sentenza in parte datata l-31 ta' Ottubru, 2017 a fol. 68 *et seq* tal-process; fil-mertu eccepiet illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghandha titolu validu fil-ligi biex tokkupa l-imsemmi fond.

**<u>Kunsiderazzjonijiet:</u>**

Illi bhal ma gja nghad ir-rikorrenti Janice Baldacchino qieghda titlob li l-intimata Mary Grace Ellul tigi zgumbrata mill-fond tnejn u tletin (32) fi Sqaq Barcellona, Zurrieq stante li ssostni li qieghda tokkupa l-fond minghajr titolu validu fil-ligi. Tishaq li l-akkomodazzjoni ta' persuna gewwa fond rekwizizzjonat tohloq rapporti *sui generis* u r-relazzjoni tal-persuna akkomodata hija ma' l-Awtorita' tad-Djar. Din ir-relazzjoni tinbidel biss meta s-sid jirrikonoxxi lill-persuna akkomodata, liema rikonoxximent inissel relazzjoni lokatizja bejn is-sid u l-persuna li ssir inkwilin, rikonoxximent li hi qatt ma ghamlet.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha r-rikorrenti tispjega li r-rikonoxximent jista jsir prattikament bi tlett modi:

(i) espressament billi jaghraf lill-inkwilin, jew

(ii) tacitament billi jaccetta l-hlas tal-kera, jew
(iii) b'mod forzat kif preskritt fil-ligi fl-Artikolu 8 ta' l-Att dwar id-Djar.

Din l-ahhar procedura tikkonsisti filli tintbghat ittra ufficjali mill-Awtorita' tad-Djar lis-sid li jekk tithalla nkontestata jsir ir-rikonoxximent impost fuq is-sid. Jekk tigi kkontestata mis-sid l-effetti tar-rikonoxximent permezz ta' rikors, kienet tevita l-effetti tar-rikonoxximent. Ir-rikorrenti mbaghad taccenna ghal diversa gurisprudenza li skonta jitrattaw il-kwistjoni tar-rikonoxximent fosthom **Victor F Denaro noe -vs- Joseph Rossignaud et noe** u **Paul Abela -vs- Jane Sheenah**.

Illi mill-atti jirrizulta li minn meta nharget l-ordni ta' derekwizizzjoni nhar id-9 ta' Gunju, 2011 l-intimata Mary Grace Ellul ma baqghetx tibbenifika minn certa protezzjoni li kienet iggib maghha l-ordni ta' rekwizizzjoni bin-numru tmint elef mija u hamsa u tletin (RO8135). Fil-fatt l-Awtorita' tad-Djar ma baqghetx taccetta l-hlas tal-kera dovuta u l-intimata Mary Grace Ellul kellha tiddeposita l-flus taht l-Awtorita' tal-Qorti bl-uzu ta' cedola ta' depozitu (ara kopja a fol. 25 tal-process).

Dwar ir-rikonoxximent, mill-provi mressqa fl-atti ma jirrizultax li r-rikorrenti espressament jew tacitament qatt irrikonoxxiet lill-intimata. Tant li r-rikorrenti ma rrikonoxxietx espressament lill-intimata li r-rikorrenti bghatet protest gudizzjarju lill-intimata sabiex izzommha responsabbli in *dolo, culpa* u *moro*. Lanqas jista' jinghad li rrikonoxxieta tacitament bil-hlas tal-kera stante li ma jirrizultax li qatt accettat kera - ta' l-inqas provi fl-atti dwar dan ma tressqux.

Dwar ir-rikonoxximent mis-sid ta' persuna li qieghda f'bini rekwizizzjonat l-Artikolu 8 tal-Att dwar id-Djar (Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi kif isegwi:

'8. (1) Meta xi persuni jkunu ġew ipprovduti fejn igħammru f'bini miżmum permezz ta' rekwiżizzjoni, id-Direttur jista' f'kull żmien, b'ittra uffiċjali, jordna lir-rekwiżizzjonat li jirrikonoxxi bħala kerrejja lill-persuni li jkunu hekk ipprovduti jew bħala sullokaturi tal-bini, skont il-każ.

(2) Fi żmien tletin jum minn meta jiġi nnotifikat b'ittra uffiċjali taħt l-aħħar subartikolu qabel dan, ir-rekwiżizzjonat, b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'kontestazzjoni tad-Direttur, jista' jitlob għall-awtorizzazzjoni sabiex ma joqgħodx għal dik it-talba:

Iżda, fil-każ li l-bini jkun ġie meħud b'rekwiżizzjoni mingħand il-kerrej, dan tal-aħħar, b'ittra uffiċjali li għandha tiġi pprezentata fi żmien ħmistax il-jum minn meta jkun ġie nnotifikat bl-ittra uffiċjali li hemm imsemmija fl-aħhar subartikolu qabel dan, jista' igħarraf lid-Direttur illi huwa ma jixtieqx jissokta jibqa fil-kera, u meta jsir dan id-Direttur jkollu l-jedd li jieħu passi taħt l-aħħar subartikolu qabel dan kontra s-sid.

(3) Il-qorti ma tagħtix l-awtorizzazzjoni sabiex ma jsirx skont it-talba imsemmija fl-aħħar subartikolu qabel dan kemm-il darba ir-rikorrent ma jurix b'sodisfazzjon tal-qorti illi jekk huwa joqgħod għal dik it-talba huwa jbati konsegwenzi ħorox:

Iżda d-dikjarazzjoni illi r-rekwiżizzjonat jixtieq li jieħu pussess tal-bini għall-użu tiegħu innifsu jew għall-użu ta' xi ħadd tal-familja tiegħu ma titqiesx fiha nfisha bħala tbatija ta' konsegwenza ħarxa għall-finijiet ta' dan is-subartikolu.'.

Fl-atti ma tressqu l-ebda provi li ntbghatet ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 8 tal-Att dwar id-Djar (Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta' Malta). La darba ma ntbghatitx din l-ittra ufficjali ma jistax jinghad li kien hemm rikonoxximent mis-sid rikorrenti ta' l-intimata Mary Grace Ellul. F'dan l-istadju l-Qorti tqis li huwa opportun li tikkwota mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell deciza ricentament fid-9 ta' Lulju, 2020 fl-ismijiet **Gloria Beacom et -vs- Alfred Camenzuli et** ikkwotata mir-rikorrenti u li ghandha l-fatti simili ghal kaz odjern kif isegwi:

14. Sewwa jgħidu l-atturi illi r-relazzjoni bejn id-dipartiment u s-sid tal-fond rekwiżizzjonat ma hijiex waħda ta' kiri iżda hija "rapport *sui generis* regolat mill-*Housing Act*"[1]. L-ewwel qorti iżda ma jidhirx li qalet li jkun hemm kiri bejn id-dipartiment u s-sid iżda, sakemm il-fond għadu rekwiżizzjonat, kiri bejn id-dipartiment u l-okkupant, u, hekk kif il-fond jiġi derekwiżizzjonat, dan il-kiri jikkonverti ruħu – presumibilment b'analoġija mal-art. 1574 tal-Kodiċi Civili – f'kiri bejn is-sid u l- okkupant u jkun protett taħt il-Kap. 69.

15. L-art. 8 iżda jaħseb għal proċedura oħra, mhux is-suċċessjoni fil-pussess legali tal-fond, li bis-saħħa tagħha tinħoloq relazzjoni ta' kiri bejn is-sid u l-okkupant. L-art. 8(1) li fuqu jistrieħu l-konvenuti fil-fatt igħid hekk:

[1] Agnese Gera de Petri *v* Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali *et*, P.A. 27 ta' Jannar 2003.

**8.** (1) Meta xi persuni jkunu ġew ipprovduti fejn igħammru f'bini miżmum permezz ta' rekwiżizzjoni, id-Direttur jista' f'kull żmien, b'ittra uffiċjali, jordna lir-rekwiżizzjonat li jirrikonoxxi bħala kerrejja lill-persuni li jkunu hekk ipprovduti jew bħala sullokaturi tal-bini, skont il-każ.

16. Ma nġiebet ebda prova la li s-sidien għarfu min jeddhom lill-konvenuti bħala kerrejja u lanqas illi ntbagħtet lis-sidien l-ittra ġudizzjarja li trid il-liġi biex jiġu mġiegħla jagħarfuhom, u għalhekk ma nħoloq ebda kiri taħt din id-disposizzjoni. Ladarba l-liġi trid din il-proċedura biex jinħoloq kiri bejn is-sid u l-okkupant, hija inevitabbli l-konklużjoni illi dak il-kiri ma jinħoloqx *ipso facto* kif donnha timplika s-sentenza appellata.'

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-argument tal-Qorti tal-Appell u ghalhekk qed taghmlu taghha. Mill-atti ma rrizultax ippruvat li kien hemm ir-rikonoxximent tal-intimata u ghalhekk effettivament l-intimata Mary Grace Ellul qed tokkupa l-fond mertu tal-kawza odjerna minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi.

Illi dan premess, din il-Qorti tinnota, kif gia accennat aktar il' fuq, li fil-mori tal-kawza rrizulta li d-derekwizizzjoni saret rizultat ta' zball tal-Awtorita' tad-Djar u dana stante li mhux minnu li l-intimata kienet proprjetarja tal-fond konsistenti fl-appartament bin-numru 2, fit-tieni sular fi blokk ta' appartamenti bin-numru sitta u sebghin (76) fi Triq Gunlayer, Floriana. Mir-ricerki rrizulta li l-intimata nhar it-30 ta' Marzu, 1993 u cioe' ftit anqas minn sitt xhur wara li kienet xtrat u akwistat l-fond imsemmi fil-Floriana resqet ghal att iehor fl-atti tan-Nutar Anthony Abela fejn permezz tieghu kienet irrexxindiet mill-kuntratt ta' xiri stante li l-fond

mixtri minnha kien tpogga taht requisition order (ara nota ta' insinwa a fol. 152 tal-process). In-nota ta' insinwa tnizzel notament fejn inghad is-segwenti:

> 'Illi l-komparenti waslu fi ftiehim li jirrexindu l-istess att, peress li fuq l-istess proprieta harget "requisition order", minghand id-Dipartiment tad-Djar, u l-istess John Micallef mhux f'posizzjoni li jaghti l-pussess vakanti a favur tal-komparenti Mary Grace Ellul, u ghalhekk il-partijiet gew ghal dana l-att ta' rexissjoni, u liema recizzjoni saret b'effett mit-tlettax ta' Ottubru tas-sena elf disa mija u tnejn u disghin (13-10-1992), u b'hekk il-beni fuq imsemmi, rega lura fil-poter ta' John Micallef.'

Illi dan l-izball gie rikonoxxut mill-Awtorita' tad-Djar u di fatti x-xhud Lorna Pavia waqt ix-xiehda taghha moghtija fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2019 a fol. 159 *et seq* tal-process irrikonoxxiet li sar zball. Hekk xehdet illi:

> '***Xhud :***
> Le dak ha jinbidel l-istorja kollha; bi zvista ma giex innotat li dak il-kuntratt gie rexiss
> ...
> ***Dr Victor Bugeja :***
> Issa dan il-kuntratt li qed tirreferi ghalih tal-flat tal-Furiana x'ghedtilna li gie rexiss?
> ***Xhud :***
> Ehe gie rexiss. Jekk tara l-pagna ta' wara hemm rexissjoni fuqhom. Bi zball ma giex notat
> ***Dr Victor Bugeja :***
> Jigifieri bi zvista ..
> ***Xhud :***

Bi zvista, ezatt, imma dan ..
*Dr Victor Bugeja :*
Meta kontu qed taghmlu l-means test ..
*Xhud :*
Imma dan innotajtu issa; meta gibt il-file. Jigifieri meta jien inghatajt il-lista ..
*Dr Victor Bugeja :*
Hemm shortcoming min-naha taghkom, qed naqblu?
*Xhud :*
Iva iva, definitely
*Il-Qorti :*
Imma gie rexis ghaliex?
*Xhud :*
Funnily enough ghaliex il-proprjeta` kienet ukoll requisitioned. Ma kienx hemm vacant possession, imbaghad ovvjament Mrs Ellul ...
*Dr Victor Bugeja :*
U qed tghid sinjura illi ma kienx innotat dak inhar tal-means test u allura kien hemm shortcoming min-naha taghkom.
*Xhud :*
Hekk hu.
...
*Dr Victor Bugeja :*
Mela qed nifhem sew li kieku intom kontu edotti minn dik ir-rexissjoni ..
*Xhud :*
Ma kinetx tohrog ir-requisition order, id-dereq ..
*Dr Victor Bugeja :*
Ma kinetx tohrog id-derequisition order. U dan ghedtilna innotajtu issa.
..
*Dr Victor Bugeja :*

Mela jidher li kien hemm mankanza.
*Xhud :*
Iva.
*Dr Victor Bugeja :*
Din il-mankanza tista′ tigi ratifikata jew ser ikolli niftah kawza biex tigi ratifikata?
*Xhud :*
Ifhem, fil-verita` jiena tkellimt mal-kollega tieghi ghax jiena ma ghadnix naghmel dan ix-xoghol bazikament, u kienet qed tipprepara ... ghax is-sinjura ghandha application ghal alternative accomodation u kienet qed tipprepara l-file biex jigi identifikat post adattat ghaliha fl-evantwalita` li ..′.

Illi sfortunatament din il-Qorti ma tistax taghmel wisq dwar dan l-izball da parti tal-Awtorita′ tad-Djar fl-ambitu tal-kawza odjerna. Tista′ biss tirrakomanda li l-Awtorita′ tad-Djar issib akkomodazzjoni alternattiva lill-intimata li hija anzjana u vulnerabbli kemm jista′ jkun malajr, konsegwenza wkoll tad-decizjoni odjerna. Ghal dan il-ghan il-Qorti ser tordna notifika ta′ din id-decizjoni lill-Awtorita′ tad-Djar.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta′ u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tal-intimata;

2. Tilqa′ l-ewwel talba u tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimata m′ghandha ebda titolu validu fil-ligi biex tokkupa l-fond ufficjalment immarkat bin-numru tnejn u tletin (32) fi Sqaq

Barcellona, Zurrieq, bil-pertinenzi u bl-accessorji kollha tieghu;

3. Tilqa′ t-tieni talba u tordna lill-intimata sabiex tizgombra mill-fond ufficjalment immarkat bin-numru tnejn u tletin (32) fi Sqaq Barcellona, Zurrieq, u mill-pertinenzi u accessorji kollha tieghu, entro terminu ta′ tlett (3) xhur.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tordna notifika tad-decizjoni lill-Awtorita′ tad-Djar a spejjez tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Ottubru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Ottubru, 2021**